MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 13/2023 LM

**Rose Marie Vella (K.I. nru. 219384 (M))**
*('l-appellata')*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' April, 2023, numru 157/2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li permezz

tagħha ddeċieda li jilqa' l-appell tar-rikorrenti **Rose Marie Vella (K.I. nru. 219384(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'] mill-avviż li hija kienet irċeviet mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali bid-data tal-21 ta' Lulju, 2022, fejn ġiet mgħarrfa li kienu ser jittieħdu passi fil-konfront tagħha għar-rifjużjoni ta' ħlas żejjed li kien sar min-naħa tal-istess Dipartiment.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, fejn permezz ta' ittra datata l-21 ta' Frar, 2022, informa lill-appellata li hija ma kienitx intitolata iżjed għall-Għajnuna Soċjali (SA), għaliex ma kienx sodisfatt li hija kienet qiegħda tifforma familja għal rasha. Sussegwentement hija ġiet mgħarrfa wkoll permezz tal-ittra tiegħu tal-14 ta' April, 2022, li l-allegat ħlas żejjed li hija kienet irċeviet, kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-Għajnuna Soċjali (SA) jew minn xi benefiċċju ieħor li hija setgħet kienet qiegħda tirċievi mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Imbagħad fl-1 ta' Lulju, 2022, hija rċeviet l-avviż suriferit.

**Mertu**

3. L-appellata appellat mill-Avviz tad-Direttur Ġenerali appellant tal-1 ta' Lulju, 2022.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fit-22 ta' Novembru, 2022, fejn irrileva li l-appell ma kienx qiegħed isir mid-deċiżjoni tiegħu, iżda fuq l-avviż li ntbagħat lill-appellata dwar il-ħlas żejjed li hija kienet irċeviet mid-Dipartiment,

u liema avviż sostna ma kienx appellabbli, sabiex b'hekk l-appell kien irritu u null.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ra l-appell;*
>
> *Ra d-deċiżjoni tad-dipartiment;*
>
> *Ra r-risposta tad-dipartiment;*
>
> *Sema' lill-appellanti, lil bint l-appellanti;*
>
> *Ra r-rapport investigattiv;*
>
> *Ra li x-xhieda kemm tal-appellanti kif ukoll ta' bint l-appellanti jikkonfermaw li l-ħwejjeġ kienu jappartjenu lil l-ex tal-appellanti;*
>
> *Fid-dawl tax-xhieda mogħtija f'dawn il-proċeduri, l-Arbitru jirrevoka d-deċiżjoni tad-Dipartiment iżda jirrakkomanda li d-Dipartiment jinvestiga dwar ir-relazzjoni preċedenti tal-appellanti."*

**L-Appell**

6. Id-Direttur Ġenerali appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-1 ta' Ġunju, 2023, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) l-Arbitru ma kienx korrett meta kkunsidra li l-ittra interpellatorja tal-1 ta' Lulju, 2022, bħala deċiżjoni appellabbli; (b) mingħajr preġudizzju, l-Arbitru ma kienx raġonevoli fl-apprezzament tal-provi li tressqu quddiemu.

7. L-appellata wieġbet fl-14 ta' Marzu, 2024, fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra d-Direttur Ġenerali appellant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħed iressaq id-Direttur Ġenerali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata, u s-sottomissjonijiet tal-appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Arbitru ma kienx korrett meta kkunsidra l-avviż tal-1 ta' Lulju, 2022 li huwa appellabbli]*

9. Id-Direttur Ġenerali appellant isostni li l-ittra tiegħu tal-1 ta' Lulju, 2022, ma kienitx appellabbli, u għalhekk l-Arbitru ma setax ikkunsidra l-appell tal-appellata. Jispjega li permezz tal-ittra in kwistjoni, huwa kien għarraf lill-appellata li hija kienet debitriċi tiegħu, u għalhekk kienet waħda interpellatorja li d-Dipartiment kellu kull dritt li jibgħat ġaladarba l-ammont dovut kien wieħed sostanzjali. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li għalhekk dik l-ittra kienet tikkostitwixxi twissija lill-appellata, u kienet differenti mid-deċiżjonijiet proprja tiegħu, fejn l-appellata ġiet mgħarrfa bid-dritt tagħha ta' appell quddiem l-Arbitru *ai termini* tal-Kap. 318. Jgħid li fil-każ odjern, l-appellata kienet naqset milli tappella mill-imsemmija deċiżjonijiet, u għalhekk huwa kien ipproċeda b'ittra interpellatorja fil-konfront tagħha. Id-Direttur Ġenerali appellant jirrileva li għalkemm fit-tweġiba tiegħu quddiem l-Arbitru huwa kien issolleva din il-kwistjoni, l-Arbitru naqas milli jikkunsidraha. Jikkontendi li l-Arbitru saħansitra

ma kellu l-ebda kompetenza li jisma’ l-każ odjern, ġaladarba ma kien hemm l-ebda deċiżjoni appellabbli, u għalhekk id-deċiżjoni appellata kellha titħassar.

10. L-appellata fit-tweġiba tagħha tal-14 ta’ Marzu, 2024, tibda billi tirrileva li d-Direttur Ġemerali appellant ma kienx issolleva l-kwistjoni tan-nuqqas ta’ kompetenza tal-Arbitru fir-risposta li għamel quddiem l-Arbitru, u dan fejn l-eċċezzjoni kellha titqajjem *in limine litis.* Barra minn hekk, huwa ma kienx qiegħed jindika d-disposizzjoni tal-liġi li fuqha kien qiegħed jistrieħ. L-appellata tirrileva wkoll li d-Direttur Ġenerali appellant naqas milli jispjega liema deċiżjoni tiegħu setgħet tiġi appellata minnha, u saħansitra ma ppreżentax prova ċara tan-notifika pożittiva tagħha, fejn hija ċertament ma kienitx tonqos milli tippreżenta l-appell tagħha. Tispjega li kif jirriżulta mir-riferti fil-proċeduri odjerni, hija ma kienitx ġiet notifikata bl-appell odjern mill-ewwel, u dan kien riżultat tal-fatt li ma kienx hemm aċċess bejn il-bieb prinċipali u l-appartament tagħha. Għalhekk seta’ jagħti l-każ li għall-istess raġuni d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali ma kienitx ġiet notifikata lilha.

11. Il-Qorti tgħid li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. Tikkunsidra li fit-tweġiba tiegħu li ppreżenta quddiem l-Arbitru fit-22 ta’ Novembru, 2022, huwa diġà kien issolleva l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell imressaq mill-appellata għaliex l-avviż mhux appellabbli. Il-Qorti tagħraf li ma jista’ jsir l-ebda appell minn dan l-avviż ġaladarba dan ma jikkostitwixxix deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant, iżda biss ittra interpellatorja ntiża sabiex jiġi rkuprat il-ħlas żejjed li sar lill-appellata. Jekk id-Direttur Ġenerali jiddeċiedi li in segwitu għall-imsemmija ittra interpellatorja huwa jkompli jipproċedi kontriha taħt id-

disposizzjonijiet tal-liġi ġenerali, dik il-liġi tipprovdi wkoll għad-dritt ta' tweġiba min-naħa tal-appellata li tkun tista' ssegwi l-proċedura appożita.

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tad-Direttur appellant huwa ġustifikat u tilqgħu, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tiegħu, ġaladarba ser tgħaddi sabiex tħassar id-deċiżjoni appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, u filwaqt li tiddikjara l-appell tal-appellata quddiem l-Arbitru irritu u null, tħassar id-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**